# KUNSILL LOKALI ISLA

# IL-ĦAMES KUNSILL

# LAQGĦA NUMRU TMIENJA U GĦOXRIN

Il-Kunsill Lokali Isla ltaqa' fl-Uffiċju Ewlieni tal-Kunsill Lokali li jinsab fi Triq San Ġużepp, Isla nhar L-Erbgħa 25 ta' Ottubru, 2006 fis-6.30pm.

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| Membri Preżenti: | Joseph Casha | - | Sindku | 6.30pm |
| | Charmaine Gerada | - | Kunsillier | 6.30pm |
| | Reno Chircop | - | Kunsillier | 6.30pm |
| Skużati | Walter Ahar | - | Viċi Sindku | |
| | Louis Henwood | - | Kunsillier | |
| Uffiċjal Preżenti: | Romina Perici Ferrante | - | Deputat Segretarja Eżekuttiva | |
| Udjenza : | 0 | | | |

## AĠENDA

1. Approvazzjoni tal-Minuti nru. 27
2. Komunikazzjoni mis-Sindku
3. Mistoqsijiet
4. Ground tal-Football
5. Kalendarju 2007
6. Attivitajiet tal-Milied
7. Kampanja Clean Up the World
8. Riżoluzzjonijiet
9. Rapport Finanzjarju Lulju - Settembru
10. Approvazzjoni u l-iffirmar ta' ordnijiet ta' pagamenti

## 28 (1) Approvazzjoni tal-Minuti

Tressqu il-minuti tal-laqgħa tal-Kunsill nru 27.

Billi il-Kunsilliera Charmaine Gerada ma kienitx preżenti għall-ewwel parti ta' din il-laqgħa (nru 27) ma setatx jissekonda dawn il-minuti. Għalhekk dawn il-minuti ma setgħux jitressqu għal approvazjoni għax ma kienx hemm min jissekonda. Sar qbil li dawn jitressqu għal approvazjoni kif preżentati fil-laqgħa tal-Kunsill li jmiss.

## 28(2) Komunikazzjoni mis-Sindku Joseph Casha

Is-Sindku Joseph Casha ta' rendikont tal-ħidma u laqgħat li saru mill-aħħar laqgħa tal-Kunsill.

28(2) 1 **The Bessel Band – 13 ta' Ottubru 2006**

Grupp ta' madwar 45 ruħ li 35 minnhom huma studenti tal-Banda Ġermaniża The Bessel Band minn Minden ġew għal żjara ġewwa l-Isla u wara għamlu programm ta' siegħa u nofs quddiem il-Każin tal-Banda. Kollox mar kif kien ippjanat, u żgur li taw gost lil dawk li kienu preżenti. Wara saret bibita żgħira fil-Każin tal-Banda u ingħataw xi rigali, xi token lis-Surmast u badges lill-bandisti. Marru għal drink fil-Każin tal-Labour.

28(2) 2 **Seminar Fondazzjoni Ġuże Ellul Mercer – 14 ta' Ottubru 2006**

Is-Sindku Joseph Casha u l-Vici Sindku Walter Ahar attendew għal Seminar organiżżat mill-Fondazzjoni Ġuże Ellul Mercer b'suġġett 'Ħajja Ġdida fis-Settur tat-Turiżmu'. Kien Seminar interessanti ħafna, fejn kien hemm partecipanti li għandhom x'jaqsmu dirett mat-Turiżmu. Il-Ministru Frances Zammit Dimech u s-Shadow Minister Bartolo.

28(2) 3 **Jum Dinji tal-Ikel – 15 ta' Ottubru 2006**

Din l-attivita li konna ilna nippreparaw għaliha, kellha titħassar minn fejn il-Knisja tal-Vitorja minħabba l-maltemps. Saret biss il-Quddiesa u l-attivita saret ġewwa s-Sede sa nofs in-nhar. Ingħataw momentums lis-Segretarju Parlamentari Francis Aguis, l-Archisqof Mons. Ġużeppi Mercieca, u l-Baruni Kelinu Haber.

28(2) 4 **Senglea Athletic Nursery– 15 ta' Ottubru 2006**

Sar meeting fil-preżenza tas-Sindku Joseph Casha, il-Vici Sindku Walter Ahar u l-Kunsilliera Louis Henwood u Reno Chircop mal-President tas-Senglea Athletic Nursery Stephen Spiteri u membri oħra. Ġiet diskussa l-problema tal-ground tal-futbol fejn ġejna nfurmati li l-intenzjoni tas-Senglea Athletic Football Club hija li ma jibqux interessi diretti huma fil-ftehim li sar mal-Kunsill. Is-Sindku insista li l-ftehim isir bejn il-Kunsill u l-Club Senglea Athletics u qatt ma kien hemm rappreżentant tas-Senglea Athletic Nursery. Barra dan, anke il-kuntratt tal-Mini Pitch Turf huwa bejn l-M.F.A. u l-Club Senglea Athletics. Il-President tan-Nursery insista wkoll li t-Turf se jingħata għat-tfal tan-Nursery tal-lokal. Is-Sindku qal li l-Kunsill se jibqa jinsisti ma dak il-ftehim tat- 28 ta' Dicembru 2004 u sakemm in-Nursery lesta li taccetta dawk il-kundizzjonijiet, ma kien hemm xejn ħażin li l-ftehim isir mill-ġdid man-Nursery. Imma hemm bżonn ta' ittra mis-Senglea Athletics li huma m'għadhomx bil-ħsieb ta' qabel.

28(2) 5 **Changeover Committee National Euro - 16 ta' Ottubru 2006**

Is-Sindku Joseph Casha kien mistieden biex jattendi dan is-Seminar dwar dan is-suġġett li sar fid-Dar tal-Mediterran.

- Fissru lilna li mportanti li dan is-suġġett jitpoġġa fuq il-mejda tal-Kunsill
- Se jiġi organiżżati laqgħat għar-Residenti biex jitfisser lilhom l-importanza tal-Euro
- Se nagħtu nformazzjoni lill-pubbliku dwar il-problemi li jolqtu lir-Residenti
- Qiegħed isir pjan kif se ssir din il-bidla sa Jannar 2008
- Mid-Dipartiment se jingħata materjal dwar informazzjoni fuq l-Euro għall-flus Maltin
- Hemm il-biża li jistgħu jogħlew xi prezzijiet imma biex ma ssirx dan irid ikun il-konsumatur li jirraporta fil-ħin.
- Tal-Ħwienet jistu iżidu l-prezzijiet u dan jista jsir għax ma jkunux jafu jużaw l-Euro, jew billi jaqtgħu għad-dritt il-kont.
- Tal-Ħwienet se jkunu obbligati li juru ż-żewġ prezzijiet lill-konsumatur, sa kemm tidħol fis-seħħ is-sistema.
- Sa Dicembru 2007 wieħed jista jħallas b'żewġ muniti, imma wara Jannar 2008, l-Euro tkun il-munita ufficjali
- Cheques mill-1 ta' Jannar 2008 iridu jkunu bl-Euro
- Għandha ssir laqgħa għan-negozjanti u tal-ħwienet f'kull lokalita.

28 (2) 6 **Telefonata tfal jilgħabu l-futbol fuq iz-zuntier tal-Knisja ta' San Filippu - 20 ta' Ottubru 2006**

Il-Ġimgħa 20 ta' Ottubru fil-ħdax ta' fil-għaxija, is-Sindku Joseph Casha rcieva telefonata id-dar tiegħu, mingħand familija li joqgħodu ħdejn il-Knisja ta' San Filippu li ħemm it-tfal qegħdin jilgħabu l-futbol fuq iz-zuntier tal-Knisja. Huma qegħdin isostnu li qed isir hekk għax hemm ħafna dawl mal-faccata tal-knisja, u qegħdin jitolbu biex dan id-dawl jitneħħa u jsiru fanali bħal qabel. Is-Sindku cempel u mar mal-pulizija fuq il-post, fejn talab li jittieħed il-ballun u jieħdu xi particulars ħalli jiġu avvżati l-familji, iżda t-tfal laħqu ħarbu.

28 (2) 7 **Att Vandalu – 21 ta' Ottubru 2006**

Nhar is-Sibt fil-għodu għas-seba' ta' fil-għaxija, is-Sindku Joseph Casha ġie nfurmat li saret xi ħsara fuq il-bust Juan B. Azopardo. Dan billi kisruh mill-base tiegħu. Cempilna lill-Pulizija fewn sar rapport tal-ħsara li saret. Ġejna mistoqsija jekk aħna għandniex indikazzjoni ta' xi ħadd li seta għamel il-ħsara. Irrispondejna li l-pulizija jafu liż-żgħażagħ li jkunu hawn għax hemm rapport kif ukoll ismijiet mal-ħajt, imma ma nufux min.

Il-Kunsilliera is-Sinjura Charmaine Gerada rceviet telefonata urġenti u kellha titlaq mill-laqgħa minħabba x-xogħol għaldaqstant peress li ma kienx ser ikun hemm quorum il-laqgħa Nru. 28 kellha tiġi aġġornata fis-7.00pm, għal – Erbgħa 1 ta' Novembru fis-6.30pm.

Il-Kunsilliera is-Sinjura Charmaine Gerada staqsiet jekk kienx hemm xi ħaġa urġenti li trid tiġi diskussa qabel titlaq hi u s-Sindku s-Sur Joseph Casha talab sospensjoni tal-Aġenda biex toħroġ l-Approvazzjoni tal-Pagamenti. Ġie deciż li joħorġu biss dawk il-Pagamenti Obbligatorji, fosthom il-Pagi tal-Impjegati tal-Kunsill, u dawk kontrattwali.

Il-Kunsill Lokali Isla ltaqa' fl-Uffiċju Ewlieni tal-Kunsill Lokali li jinsab fi Triq San Ġużepp, Isla nhar L-Erbgħa 1 ta' Novembru, 2006 fis-6.30pm.

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| Membri Preżenti: | Joseph Casha | - | Sindku | 6.30pm |
| | Walter Ahar | - | Viċi Sindku | 6.30pm |
| | Reno Chircop | - | Kunsillier | 6.30pm |
| | Louis Henwood | - | Kunsillier | 6.30pm |
| | Charmaine Gerada | - | Kunsillier | 7.20pm |

Uffiċjal Preżenti: Romina Perici Ferrante - Deputat Segretarja Eżekuttiva

Udjenza : 0

## 28 (1) Approvazzjoni tal-Minuti

Tressqu il-minuti tal-laqgħa tal-Kunsill nru 27.

Fuq proposta tal-Viċi Sindku Walter Ahar, issekondat mill-Kunsillier Louis Henwood, il-Kunsill approva dawn il-minuti nem com kif preżentati.

**Arising out mill-minuti.**

- Bye Laws – Jintalab Appuntament mal-avukat.
- Ittra Tonio Borg għadda kważi xahar. Għandha titlesta Ittra biex tgħaddi lill-Media. Laqgħa b'urġenza, u jiccerkula ittra lill-kunsilliera.
- Kuntratt tal-Kennies. Jikkomunika bit-telephone mal-kenniesa biex niltaqgħu magħhom. Nibgħatu għal kuntrattur biex niddeciedu x'ser isir dwar in-nuqqasijiet tiegħu.
- Kuntrattur tal-Bulky Refuse nibgħatu għalih ukoll.
- Bust Juan B. Azopardo :

    - Ser nitlob quotation biex isir frame tal-ħadid minn taħt it-taraġ bl-istess simmetrija li hemm ħdejn it-toilets.

    - Jew il-bust jiġi mgħolli il-fuq u il-konolla tiġi utilizzata xi mkien ieħor

## 28(2) Komunikazzjoni mis-Sindku Joseph Casha

Is-Sindku s-Sur Joseph Casha qal li sar Seminar organiżżat mill-Wasteserve li riedu persuna biex tattendi għal tlett ijiem tas-Seminar u mar Matthew Vella. Is-Sindku qara xi punti mportanti li ħarġu mis-Seminar lill-Kunsill Lokali li huma :

- Importanti li l-Kunsill jkun konxju tal-affarijiet li qed jintefgħu ġo l-iscammel
- Il-Waste Serv Ltd. ħa jibda jipprovdi servizz lir-residenti għar-rimi ta' ġebel, madum u terrapien. Din ħa tiġi msejjħa bħala Civic Amenity Sites
- Ħa jibdew idaħħlu s-Separation Bins ġo l-iskejjel
- Ħa jibdew jiġu fl-iskejjel biex jgħallmu aktar lit-tfal dwar dawn is-Seperation Bins
- Jekk iridu nistgħu nagħmlu kuntatt mal-Waste Serv Ltd. biex jagħtu laqgħat ta' nformazzjoni lir-Residenti ġewwa l-Kunsill.
- Qegħdin jiġu wkoll bieb bieb biex jagħtu aktar nformazzjoni lir-residenti.
- Bring in Sites ser jinġiebu fl-Isla sal-aħħar tas-sena 2006 u Mariella kellha ticcekkja rigward il-Cameras li ser jitwaħħlu jekk humiex se jkunu ta' spejjeż għall-Kunsill jew għall-Waste Serv Ltd.
- Idea tajba wkoll li ndaħħlu l-Compost Bins fejn ir-Residenti jitfgħu ġo dawn il-Bins apposta affarijiet ta' frott, ħxejjex u affarijiet oħra biex isir kompost.
- Importanti wkoll li s-sidien tar-Restaurants u gabbani jkunu konxji li ma għandhomx jarmu żjut fid-drenaġġ għax dawn ikunu ta' ħsara kbira għall-katusi.

28 (2) 9 **Korrispondenza mibgħuta u rċevuta mil-4 ta' Ottubru - l-1 ta' Novembru 2006**

| | |
|---|---|
| **04/1849/06/I** | **Kumitat għar-Rijabilitazzjoni – Perit Herman Bonnici**<br><br>Il-Koordinatur Ray Bondin għall-Kumitat għar-Rijabilitazzjoni bgħat jinforma lill-Kunsill li l-perit Herman Bonnici daħal lura għax-xogħol. |
| **04/1850/06** | **Development Control Commission**<br><br>Mid-Development Control C ommission dwar permessi li ġew approvati 03166/06 u 04882/06. |
| **04/1855/06/I** | **Ministeru ta' l-Edukazzjoni – Seminar għaż-żgħażagħ**<br><br>Mill-Ministeru ta' l-Edukazzjoni ircevejna stedina għall-Seminar li sa jsir f'Għawdex għaż-żgħażagħ fis-17 u 19 ta' Novembru. Din l-istedina ġiet offruta lill-istaff tal-Kunsill pero' ma jistgħux jattendu. |
| **04/1856/06/1** | **Fondazzjoni Arka – Donazzjoni ta' bankijiet**<br><br>Il-Fondazzjoni Arka talbu lill-Kunsill biex ikun bħala sponsor f'għoti ta' bankijiet li se jitwaħħlu f'dan il-proġett li kull bank ikollu l-isem tal–Kunsill. Kull bank jiswa Lm 95 u hemm il-ħsieb li dan il-post jista jintuża wkoll minn persuni b'diżabilita'. |
| | |

| | |
|---|---|
| 04/1857/06/I | **Ministeru għar-Riżorsi u Infrastruttura – Kumitat għar-Riabilitazzjoni tal-Kotto nera.**<br><br>Il-Ministeru għar-Riżorsi u Infrastruttura reġa ħatar lis-Sindku bħala membru tal-Kumitat għar-Riabilitazzjoni tal-Kottonera. |
| 04/1859/06/1 | **Stedina fl-okkażżjoni ta' Jum ir-Repubblika**<br><br>Is-Sindku flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv ġew mistiedna għal serata fl-okkażjoni ta' Jum ir-Repubblika Konferma fit-22 ta' Ottubru. Fl-assenza tas-Segretarju Eżekuttiv, il- Clerk Monica Formosa attendiet għal din is-serata. |
| 04/1862/06/I | **ADT – R egolamenti Ġodda**<br><br>L-Awtorita dwar it-Trasport ta' Malta kitbu fuq regolamenti ġodda jew x'għandu jagħmel il-Kunsill fejn jidħlu<br>➢ Road Markings<br>➢ Toroq u Pavimenti<br>➢ Industrial Estate<br>➢ Street Furniture<br>➢ Cleaning of Culverts<br>➢ Cleaning of Roads<br>➢ Landscaping<br>➢ Street Lighting<br>➢ Boundary Walls |
| 04/1866/06/1 | **Dipartiment tal-Housing – Acknowledgement ħsara klabb tal-Bocci**<br><br>Il-Perit Anton Camilleri mid-Dipartiment tal-Housing bgħat ittra ta' acknowledgement dwar il-ħsara fil-Klabb tal-Bocci. Id-Dipartiment acceta l-ispejjeż tal-ħsarat. |
| 04/1867/06/I | **Kumitat La Vincitrice - Ringrazzjament**<br><br>Ittra ta' ringrazzjament mill-Kumitat La Vincitrice għar-rigal li ppreżentajna. |
| 04/1870/06/1 | **Culit Programm Interreg IIIB**<br><br>Irċevejna d-Dokument u l-applikazzjoni 'Culit' Programme Interreg IIIB li l-Kunsill applika għalih. |
| 04/1871/06/I | **Xogħol Triq iż-Zewġ Mini – Ittra mingħand is-Sur Egidio Grech**<br><br>Is-Sindku qara l-ittra tas-Sur Egidio Grech rigward ix-Xogħol li ser isir fi Triq iż-Zewġ Mini. |
| | |

| | |
|---|---|
| 04/1873/06/1 | **Kopja tal-Ittra tal-Kunsill Lokali Birgu – Forzi Armati**<br><br>Kopja tal-ittra li l-Kunisill Lokali Birgu bgħatu lill-Forzi Armati dwar tindif mas-Swar tal-Kottonera. L-Armata urew ix-xewqa li dan isir, imma ġie issuġġerit lil-Kunsill tal-Birgu biex din it-talba tiġi estiża għall-bliet tal-Kottonera.<br><br>Il-Kunsilliera qablu li jsir dan it-tindif. |
| 04/1874/06/I | **Librerija Pubblika – Ħatra ta' Persuna sabiex isservi ta' Kuntatt**<br><br>Sejħa mis-Segretarju tal-Li brerija Pubblika Centrali sabiex il-Kunisill jaħtar persuna sa biex isserv i ta' kuntatt dwar l-Edukazzjoni u għat-Tixrid tal-Kultura Nazzjonali dwar il-ktieb u x'jistgħu jagħtu lis-Socjeta.<br><br>Ġie deciż li l-Kunsill jaħtar lill-Kunsillier Reno Chircop meta l-Librara Graziella Cassar Gellel ma tkunx tista tattendi għal xi laqgħat. |
| 04/1883/06/1 | **Minuti Kunsill Lokali Bormla – Kumitat Qualiticities**<br><br>Kopja tal-Minuti tal-Laqgħa li saret fil-Kunsill Lokali ta' Bormla dwar il-Kompożizzjoni tal-Kunitat mitlub mill-Qualiticities. |
| 04/1889/06/I | **Kumitat National Euro Changeover – Hatra ta' Rappreżentant**<br><br>Talba mill-Kumitat National Euro Changeover sabiex il-Kunsilli jaħtru rappreżentant biex jattendi għall-laqgħat.<br><br>Is-Sindku s-Sur Joseph Casha mar għal din il-laqgħa. |
| 04/1893/06/1 | **Memo 27/2006 – Permessi maħruġa mill-Kunsill**<br><br>Memo 27/2006 tirrigwarda permessi maħruġa mill-Kunsilli b'mod abbużiv, bħall per eżempju ħlas għall no objection għall-attivitajiet jew ħlas iżjed fejn jidħlu drittijiet. |
| 04/1895/06/1 | **Minuti ta l-ewwel laqgħa Qualiticities – Kunsill Lokali Bormla**<br><br>Il-Kunsill Lokali Bormla bgħatu il-Minuti ta' l-ewwel laqgħa li saret fil-Kunsill ta' Bormla dwar il-format ta' Kumitat Konġunt għal Qualiticities u ma sarx kompromess. |
| 04/1897/06/1 | **Dipartiment għal Kunsilli Lokali – Liġi 119/2002**<br><br>Mid-Dipartiment għal Kunsilli Lokali ircevejna regolamenti dwar il-Liġi 119/2002 kif inhu emendati fejn jidħlu proceduri ta' ħlasijiet għall-permessi mill-Kunsilli Lokali msejħa 'Verżjoni Konsolidata'. |
| | |

| | |
|---|---|
| 04/1898/06/1 | **Memo 28/2006 – Mistoqsija Parlamentari Nr. 20845**<br><br>Memo 28/2006 dwar mistoqsija Parlamentari Nr. 20845 dwar min kienu dawk il-Kunislli li ħallsu VAT matul dawn l-aħħar tlett snin. Il-Kunsill Lokali Isla ħallas madwar Lm 9,000, Lm 10,000 u Lm 11,000 rispettivament, b'kollox Lm 30,000. |
| 04/1901/06/1 | **MEPA – Permessi 3815/06 u 4595/06**<br><br>B'referenza għall-ittra li bgħat il-Kunsill lill-ADT dwar Sewqan Eccessiv fi Triq il-Vitorja, L-Awtorita dwar it-Trasport ta' Malta rrispondew li ħadu inizjattiva sabiex tordna li fit-triq imsemmija jsiru spezzjonijiet għall-għarrieda fuq vetturi tat-trasport pubbliku. Sadanittant, issuġġerew li nintbagħat kopja lill-Kummissarju tal-Pulizija rigward vetturi privati. Ssuġerew ukoll li bħala Kunsill jipproponu xi mezzi ta' 'Traffic Calmers'. |
| 04/1916/06/l | **P.Q. – Arloġġ ta' l-Isla**<br><br>Ircevejna diversi P.Q. mingħand Nicholas Debono li qegħdin isiru lir-rappreżentanti tal-Gvern dwar il-kwistjoni ta' l-Arloġġ tal-Isla. |
| 04/1921/06/1 | **Kunsill Lokali Valletta - Proġett ta' VUCC**<br><br>Il-Kunsill Lokali tal-Belt Valletta bgħatu jinfurmawna li ser jibdew isiru laqgħat separati mal-Kunsilli imsieħba fil-proġett ta' VUCC. |
| 04/1925/06/1 | **Kunsill Lokali Birgu – Oġġezzjonaw għall-minuti tal-laqgħa**<br><br>Kopja tal-ittra li l-Kunsill Lokali Birgu bgħatu lill-Amandine fewn qegħdin joġġezjonaw għall-minuti tal-laqgħa li saret fit-22 ta' Ġunju 2006. |
| 04/1945/06/1 | **Maryrose Francica – Bliet Imsieħba**<br><br>Irce vejna dokument mingħand Maryrose Francica dwar talba li l-Kunsill Lokali Isla għamel lilha sabiex norganizzaw Konferenza f'Malta bejn il-Bliet Imsieħba. |
| 04/1947/06/1 | **A cknowledgment - Ministeru għall-Ġustizzja u Intern**<br><br>Ircevejna mill-Ministeru għall-Ġustizzja u l-Intern acknowledgement li ħa l-Ittra tagħna tal-11 ta' Ottubru. |
| 04/1950/06/1 | **Talba għal Reserved Parking**<br><br>Talba mill-Kunsilliera Charmaine Gerada f'isem is-Sinjorina Sonia Attard biex nagħmlu Reserved Parking għall-okkazjoni tat-Tieġ. |
| | |

| | |
|---|---|
| 04/1953/06/1 | **Grupp Gwardjola Isla – Għall-Persuni B'Dizabilita'**<br><br>Qabel inqrat din il-Korrispondenza, il-Kunsillier Louis Henwood ried joħroġ mill-laqgħa minħabba Konflitt ta' Interess. Is-Sindku ta' ruling biex il-Kunsillier Louis Henwood jkun jista' jibqa' fil-kamra mingħajr ma jagħti l-opinjoni tiegħu f'dan ir-rigward. Il-Vici Sindku Walter Ahar qabel ma dak li qal is-Sindku.<br><br>B'din l-ittra, l-Grupp Gwardjola Isla nforma lill-Kunsill li għandhom il-ħsieb li jiftħu Centru Ġdid għal persuni b'dizabilita' u l-bzonn li għandhom għall-kamra tal-banju, kompjuter, mejda, siġġijiet, sufan u għamara għall-ufficcju, kcina u affarijiet oħra.<br><br>Il-Kunsill ddecieda li jiltaqgħa mal-Grupp Gwardjola Isla madwar mejda. Fit-8 ta' Novembru għandha ssir laqgħa biex il-post jiġi restawrat mid-Dipartiment. |
| 04/1955/06/1 | **Development Control Commission - Permess 5750/06**<br><br>Mid-Development Control Commissison infurmawna li nħarġu ll-permess għal ti bdil ta' Gallariji 5750/06. |
| 04/1957/06/1 | **Applikazzjoni - Anna Lindh Foundation**<br><br>Ircevejna l-applikazzjoni biex inkunu nistu nidħlu membri f'Anna Lindh Foundation għax jekk ma nkunux membri il-proġett ma jiġix accettat. |
| 04/1961/06/1 | **Riabilitazzjoni tal-Kottonera**<br><br>Ircevejna mingħand ir-Riabilitazzjoni tal-Kottonera lista tal-proġetti li saru jew ser isiru sa l-aħħar tas-sena 2006, fosthom id-Dawl ta' Bieb Sant Anna. |
| 04/1963/06/1 | **Assocjazzjoni tal-Kunsilli Lokali – Rapprezentat tal-Assocjazzjoni**<br><br>Mill-Assocjazzjoni tal-Kunsilli Lokali rcevejna sejħa għal min jixtieq japplika bħala rapprezentant tal-Assocjazzjoni fid-Dipartiment tal-Protezzjoni Civili. |
| 04/1964/06/1 | **Zjara Grupp ta' Studenti Fran cizi – 31/10/2006**<br><br>Għandu jiġi għal zjara grupp ta' studenti Fran cizi nhar it-Tlieta 31/10/06 sabiex naraw min jista jkun magħhom ħalli jduru l-Isla.<br>Ġie deciz li l-persuna nkarigata għandha tkun il-Kunsillier is-Sur Louis Henwood. |
| 04/1966/06/1 | **Assocjazzjoni tas-Segretarji Ezekuttivi – Awguri**<br><br>L-Assocjazzjoni tas-Segretarji Ezekuttivi bgħatu l-Awguri tagħhom lill-President u membri ġodda tal-Assocjazzjoni Kunsilli Lokali. |
| | |

| | |
|---|---|
| 04/1968/06/1 | **Laqgħa tas-Sindki – Radisson 3 u 4 ta' Nov embru**<br><br>Ircevejna l-applikazzjoni għal min ser jattendi għall-laqgħa tas-Sindki fil-Majjistral ta' Malta li ser issir ir-Raddission Għajn Tuffieħa nhar it-3 u l-4 ta' Novembru 2006. |
| 04/1969/06/1 | **Stqarrija – Ħatra tal-Ezekuttiv tal-Assocjazzjoni**<br><br>Kopja ta' stqarrija dwar il-ħatra tal-Exekuttiv tal-Assocjazzjoni li l-ħatriet kollha saru fuq qbil unanimu. |
| 04/1971/06/1 | **Mistoqsija Parlamentari Nr. 21405**<br><br>Mistoqsija Parlamentari Nr. 21405 dwar liema huma dawk il-Kunsilli li qegħdin jagħmlu uzu mill-Public Private Partnership ELC. |
| 04/1972/06/1 | **Permess ufficjali tal-Ground tal-Futbol bil-kundizzjonijiet tal-MEPA**<br><br>Il-Kundizzjonijiet huma dawn li ġejjin :<br>➢ The safety of pedestrians shall be safeguarded at all times during the progress of works<br>➢ Any lighting scheme implied by this development, shall be subject to prior approval by the Malta Environment and Planning Authority<br>➢ This Development Permission, shall exclusively cover the laying of the synthetic turf and upgrading of the goal posts, it shall not cover :<br>• Any excavation works or alterations to any of the walls and stairs enclosing the site<br>• The installation and/or replacement of any netting/fence to enclose the site<br>• The installation of any light fittings and/or floodlighting |
| 04/1999/06/1 | **MEPA – Inizjattiva mill-Budget 2007**<br><br>Urban Improvement Fund. Dan ma japplikax għal-Kunsill tal-Isla peress li dan il-fond huwa ta' flus miġbura mir-Residenti li japplikaw għal xi zvilupp. Peress li fl-Isla ma hemmx lok ta' aktar zvilupp, ma hemmx flus x'jitqassmu lill-Kunsill. Il-MEPA cemplu lis-Sindku s-Sur Joseph Casha u qalulu li għandhom jibgħatu ittra fuq dan ir-rigward. |
| 04/2028/06/1 | **Senglea Athletic Nursery – Attivita 8 ta' Novembru 2006**<br><br>Is-Senglea Athletic Nursery xtaqa l-uzu tas-Sala tal-Kunsill biex jorganizzaw Coffee Morning fit-8 ta' Novembru 2006 fid-9.00am.<br><br>Il-Kunsill qabel li s-Senglea Athletic Nursery jitħallew juzaw is-Sala. |
| | |

| | |
|---|---|
| 04/2032/06/1 | **Laqgħa tas-Sindki – 3 Mozzjonijiet mressqa**<br>1. Mozzjoni Dwar il-Qasam Socjali proponuta mis-Sindku ta' Santa Lucija u Sekondata mis-Sindku ta' Kirkop<br>2. Wasal iz-Zmien li jizdiedu l-Fondi tal-Kunsilli Lokali proponuta mis-Sindku tal-Ħamrun u Sekondata mis-Sindku taz-Zejtun<br>3. Is-Sindki Maltin u Għawdxin jirrikonoxxu li bis-saħħa ta' l-aħħar Budget pprezentat mill-Prim Ministru l-Lokalitajiet tagħna se jibbenefikaw direttament minn investiment mill-Gvern Centrali u dak Lokali proponuta mis-Sindku ta' Lija u Sekondata mis-Sindku tal-Qala. |
| 04/2043/06/O | **Ittra datata 31 ta' Ottubru 2006 mibgħutu mill-Kunsill lill Gianfranco Selvaggi – Bus 300 – Public Transport Association**<br><br>Problema fil-Bus Terminus tal-Isla għal fatt li l-Kunsill kien accetta li r-Rotta 22 kif ukoll ir-Rotta 300 jibdew joperaw mill-venda tal-Isla. Biex jinstab kompromess, u anki nilqgħu d-diversi lmenti li qegħdin jidħlu fil-Kunsill, nissuġġerixxu li dawn iz-zewġ rotot jibdew joperaw mix-xatt ta ' l-Isla (ħdejn il-Kiosk). |

## 28 (3) Mistoqsijiet

Il-Kunsill ircieva e-mail mid-Dipartiment fil-31 ta' Ottubru 2006 li l-Kunsilliera Charmaine Gerada bgħatet fis-26 ta' Ottubru li hi kienet għadha qed tistenna risposta għall-4 Mistoqsijiet li kienet għamlet lill-Kunsill.

Is-Sindku pprezenta risposta għall-ewwel 3 Mistoqsijiet li kienu :

- Devoluzzjoni Ġnien il-Gardjola biex il-Kunsill jkun jaf min hu responsabbli għal manutenzjoni tad-Dawl tal-Ġnien.
- Jista' is-Sindku jipproduċi kopja ta' fejn fil-liġi tgħid li il-Kunsill Lokali jistgħu jircievu donazzjonijiet ta' flus.
- Jista' is-Sindku jipproduċi itemised bills tal-kontijiet tat-telephone minn Jannar 2006 sa Marzu 2006.

**Ir-risposti huma mehmuża ma dawn il-Minuti**

Filwaqt li nforma lill-Kunsilliera Charmaine Gerada li l-Mistoqsija l-oħra rigward t-Taxis tkun tista tiġi risposta meta s-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Alphonse Zammit jgħaddi l-informazzjoni meħtieġa.

## 28 (4) Ground tal-Football

Ġie deciz li għandha ssir applikazzjoni ġdida minħabba l-Fence li hemm bzonn li titranġa minn kif inħi.

## 28 (5) Kalendarju 2007

Mit-Tielet laqgħa tal-Kumitat tal-Finanzi ħarġet is-Suġġeriment li dan għandu jerġa jsir, pero' għadu ma ġiex deciz kemm il-Personaġġ Senglean ser jidru f'din il-Ħarġa tal-Kalendarju.

## 28 (6) Attivitajiet tal-Milied

Mit-Tielet laqgħa tal-Kumitat tal-Finanzi ġie suġġerit li jsiru dawn l-attivitajiet:

- Attivita għall-Anzjani bl-istess data bħal tas-Sena 2005. Bejn ir-Rigali lill-Anzjani u l-Catering jintefqu Lm 600 u l-Kiri tas-Sala tas-Sede tqum Lm 60.
- Ikla għall-Familja – Intalbet quotation mill-Hotel San Antonio, Jerma Corinthia u Suncrest Hotel. Il-Hotel San Antonio offra l-prezz ta' Lm 4.75 kull persuna filwaqt li l-Hotels l-oħra kienu għadhom ma rrispondewx. Waqt din l-attivita għandha tiġi organiżżata t-tombla u l-Kunsill għandu joħroġ il-ħlas għat-trasport li għandu jkun Lm 50. In-nies joħorġu l-ħlas li jitolbu l-Lukandiera
- Harġa għat-tfal – Pantomina. Il-Kunsill għandu joħroġ il-ħlas tat-trasport u parti mill-biljetti tad-dħul. Hemm żewġ pantomini jew ta' Paul Testa jew tal-Bronk Productions. Il-Kunsilliera Charmaine Gerada ssuġġeriet ħarġa għal Bristow Potteries fejn iħallu lit-tfal jaħdmu bit-tafal
- Rikonoxximent għall-Istudenti li marru tajjeb fl-Eżami tal-Junior Lyceum. Kotba għar-rigali kien għad baqgħa fl-istock mis-sena l-oħra. Din l-attivita għandha tiswa xi Lm 80.
- Kalendarju 2007. Jew isir b'sitt personaġġi jew 12 il-personaġġ peress li hemm ħafna. Jekk jsir bl-Ispiral dan jiswa Lm 500 mingħajr VAT u jekk isir bil-Punch, dan jiswa Lm 350 mingħajr VAT. Il-Kunsilliera Charmaine Gerada ssuġġeriet li tintalab quotation mingħand Re-Pro House u li ssir proof reading tajba qabel dan jiġi stampat.
- Tiżjin tal-Milied. Il-Kunsilliera Charmaine Gerada ssuġġeriet li ssir kompetizzjoni bejn ir-Residenti tal-Isla fuq min jagħmel l-isbaħ tiżjin mal-faccata tad-dar. Il-Kuntrattur talab ħlas ta' Lm 700 għal 13 il-running light. Il-Kumitat tal-Finanzi ssuġerixxa li jintalbu r-rużuni lill-Knisja.
- Historic Plates Lm 72. Il-Kunsillier is-Sur Louis Henwood ssuġerixxa li l-Historic Plate tal-Katakom bi għandha ssir ħdejn l-Entratura u minn faccata tidher ukoll
- Ħarġa Kulturali għaż-Żgħażagħ – Danish Village – Mellieħa Holiday Complex

Il-Kunsill ddiskuta jekk għandux isir rapport ta' ħidma ta' l-aħħar sena u tmien xhur biex jitqassam lir-Residenti tal-Isla. Il-Kunsilliera Charmaine Gerada ma taqbilx li d-dwal tal-Milied isiru l-istess bħall tal-Festa u ssuġġeriet li tinxtal Christmas Tree kbira fil-pjazza. Il-Kunsillier is-Sur Louis Henwood qabel mal-proposti u qal li jaqbel li jsiru d-dwal fi Triq il-Vitorja peress li dawn jagħtu aspett sabiħ għall-Festa tal-Milied.

## 28 (7) Kampanja Clean Up the World

Il-Vici Sindku Walter Ahar inkarigat mill-Indafa fil-Lokalita tal-Isla kien ser jieħu ħsieb jorganiżża din l-attivita u kellu jagħti risposta lill-Kunsill sal-Ġimgħa d-dieħla rigward fejn ser jitnaddaf. Il-Kunsilliera s-Sinjura Charmaine Gerada offriet li tagħti l-għajnuna tagħha lill-Vici Sindku għall-din l-attivita'. Il-Kunisill issuġġerixxa li jindafa fejn l-Arzella, il-Mina u Sully Port, jindafu xi graffiti li jkun hemm mal-ħitan, u li l-attivita tispicca bi tħawwil ta' pjanti fil-Ġnien tal-Gardjola li dawn għandhom jintalbu mid-Dipartiment.

## 28 (8) Riżoluzzjonijiet

Ma kien hemm ebda Riżoluzzjoni.

## 28 (9) Rapport Finanzjarju Lulju – Settembru 2006

L-Accountant tal-Kunsill Romina Perici Ferrante qrat ir-Rapport Finanzjarju tal-Kunsill tal-Isla għall-perjodu minn Lulju sa Settembru 2006 li dan spicca b'surplus ta' Lm 3,369.60. Fuq proposta tal- Kunsillier Louis Henwood, issekondat mill- Viċi Sindku Walter Ahar, il-Kunsill approva unanimament dan ir-Rappor t Finanzjarju.

L-Accountant tat ukoll rendikont tal-flus li hemm il-bank u qalet li fis-Schedule of Payments ta' Novembru u Dicembru, l-ħlasijiet ma għandhomx jaqbżu s-Lm 16,000.

## 28 (10) Approvazzjoni u l-iffirmar ta' ordnijet ta' pagamenti

Inqrat il-Lista ta' Pagamenti għal-Ottubru 2006. Fuq proposta tal-Vici Sindku s-Sur Walter Ahar, issekondat mill-Kunsillier Reno Chircop, il-Kunsill approva l-pagamenti ta' Ottubru 2006 kif mehmuż għall-ammont ta' Lm 8,683.96. Il-Kunsilliera s-Sinjura Charmaine Gerada astjeniet minn dan il-Vot.

Qabel spiccat il-Laqgħa, Il-Kunsilliera s-Sinjura Charmaine Gerada ssuġġeriet li nistiednu l-President ta' Malta li qed imur fil-lokalitajiet. Hija qalet li għandha tintbagħat ittra issa biex tiġi ffissata data. Is-Sindku qal li dan il-Kunsill dejjem wera rispett lejn il-President ta' Malta imma hemm bżonn ukoll li l-istess awtoritajiet, b'mod speċjali il-Gvern Centrali, jagħti ftit attenzjoni lill-lokal tagħna. Naqbel li għandhom jiġu mistiedna imma wara li jgħaddu il-festi.

Il-Vici Sindku s-Sur Walter Ahar ssuġġerixxa li l-Kunsill jiltaqgħa mal-Prim Ministru madwar mejda, u l-Kunsilliera s-Sinjura Charmaine Gerada qalet li għandha tintbagħat Aġenda għal din il-Laqgħa.

Il-laqgħa ntemmet fit-8.50pm

Konfermati bħala konsistenti u korretti nhar ______________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________

| | |
|---|---|
| ______________________ | ______________________ |
| Joseph Casha | Romina Perici Ferrante |
| Sindku | Deputat Seġretarja Eżekuttiva |